**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Lulju, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 982/2015 AF**

**S.M.W. Cortis Limited (C-6728)**

**Cortis Timber u**

**Wood Products Limited**

**vs**

**Vella Group Limited (C-22149) u**

**John Mary sive Jimmy Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Vella Group Limited u John Mary sive Jimmy Vella li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi din il-Qorti intalbet tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru. 1209/14 a tenur tal-Art. 836 1(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' S.M.W. Cortis Limited u Cortis Timber and Wood Products Limited li, ghar-ragunijiet imfissra fl-istess twegiba, l-istess socjetajiet oggezzjonaw ghat-talba.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors, li thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 836 1(f) jipprovdi testwalment illi:

> *"836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Jirrizultaw pendenti bejn il-partijiet proceduri ta' arbitragg li permezz taghhom is-socjetà rikorrenti odjerni wahedha qed titlob kundanna ta' Joseph Cortis, SMW Cortis Limited u Cortis Timber and Wood Products Limited ghall-hlas ta' €83196.63 prezz ta' xoghol esegwit minnha ghal Cortis Group. Inhareg mandat ta' sekwestru minn Vella Group Limited. Is-sekwestrati imbaghad bdew proceduri ghall-kundanna ghal danni minhabba l-mandat mahrug fuq talba ta' Vella Group.

Jirrizulta inoltre li fil-proceduri tal-arbitragg fuq imsemmija inghatat decizjoni ta' natura preliminari li permezz taghha giet michuda eccezzjoni tas-socjetajiet Cortis li huma mhumiex legittimi kontradituri.

Ir-rikorrenti odjerni qed issejsu t-talba taghhom fuq din id-decizjoni preliminari. Huma jsostnu li galadarba gew meqjusa

mill-arbitru li huma legittimi kontraditturi, ma jibqalhomx raguni ifittxu lil Vella u Vella Group ghad-danni. Din il-Qorti hija tal-fehma li din il-posizzjoni taghhom mhijiex gustifikata. L-arbitru ghadu ma ta ebda decizjoni fil-mertu dwar ir-responsabbilità ghall-hlas tas-socjetajiet ta' Cortis (del resto lanqas ta' Joseph Cortis personalment).

Ir-rikorrenti odjerni jsostnu illi c-cahda tal-eccezzjoni preliminari fl-arbitragg tikkonferma li l-hrug tal-mandat fil-konfront tas-socjetajiet ta' Cortis ma kienx frivolu u vessatorju, u ghalhekk m'hemmx lok ghal danni. Fil-kuntest din il-Qorti tinnota li f'dan l-istadju l-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha dwar dan. Dan l-ezercizzju huwa imholli essenzjalment f'idejn il-Qorti fl-ambitu tal-kawza innifisha. F'dan l-istadju, l-Qorti ma tistax daqshekk leggerment tiskarta d-dritt ta' pretiz kreditur li jikkawtela b'kull mod li taghtih il-ligi, dak il-kreditu li huwa jvanta. L-eccezzjoni preliminari moghtija mill-arbitru wahedha, ma titqiesx minn din il-Qorti bhala tali li fin-nuqqas ta' ragunijiet ohra (li jistghu jezistu però li ma nghatax lill-Qorti hjiel taghhom) tirrendi ingustifikat il-mandat ta' sekwestru.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Vella Group Limited u John Mary sive Jimmy Vella.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF